MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tad-29 ta' April, 2010

Citazzjoni Numru. 357/1999/1

***Peninsula Investments Limited***

***Versus***

***BIM Limited***

1. F'din il-kawża s-soċjetà attriċi qiegħda tfittex rimedju għax tgħid illi l-ħwejjeġ – *wrought iron balcony railings* – konsenjati lilha mis-soċjetà konvenuta ma kienux tal-kwalità miftiehma. L-attriċi qiegħda titlob illi l-qorti:

1.1. tgħid illi r-*wrought iron balcony railings* ma humiex tal-kwalità miftiehma;

1.2. tgħid illi għalhekk is-soċjetà attriċi għandha l-jedd illi tirċievi r-*railings* bi prezz anqas fuq stima ta' periti; u

1.3. tgħid, bil-għajnuna ta' periti li jinħatru għalhekk, kemm hu l-prezz li għandu jitħallas għall-fornitura u t-tqegħid tar-*railings* imsemmija.

2. Il-premessi tat-talbiet tal-attriċi, l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta u l-fatti relevanti tal-kawża huma mfissra fis-

sentenza li ngħatat fis-26 ta' Novembru 2007 li fiha l-qorti ipprovdiet hekk dwar l-ewwel żewġ talbiet tal-attriċi:
… … … tgħid illi r-*wrought iron balcony railings* konsenjati mis-soċjetà konvenuta ma kinux tal-kwalità miftiehma u illi għalhekk is-soċjetà attriċi għandha l-jedd illi tirċievi r-*railings* bi prezz anqas fuq stima ta' periti.
3. Għall-għanijiet tat-tielet talba ħatret perit tekniku sabiex, wara li jqis il-valur tal-kuntratt u l-fatturi l-oħra kollha relevanti, igħid kemm għandu jkun il-prezz anqas li għandu jitħallas mis-soċjetà attriċi.
4. Billi sar appell taħt l-art. 667 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili mit-taxxa tad-drittijiet tal-perit, kien biss fid-29 ta' April 2008 illi l-perit seta' jaħlef ir-rapport. Wara li qies il-proċess biex jinħadmu r-*railings* u l-importanza relativa tad-difett li għamilhom mhux tal-kwalità miftiehma, il-perit sab illi l-parti difettuża tal-proċess kienet tiswa disgħa u erbgħin elf, disa' mija u wieħed u sebgħin euro (€49,971), biex hekk il-prezz li kellu jitħallas mill-attriċi lill-konvenuta jinżel għal mitejn u sebgħa u għoxrin elf, sitt mija u ħamsa u erbgħin euro (€227,645). Din l-istima ma ġietx kontestata mill-partijiet u tidher li nħadmet wara illi l-perit qies il-fatturi kollha relevanti.
5. Il-qorti għalhekk tapprova l-istima magħmula mill-perit u tiddisponi mit-tielet talba tas-soċjetà attriċi billi tgħid illi l-prezz li għandu jitħallas mis-soċjetà attriċi lil dik konvenuta huwa ta' mitejn u sebgħa u għoxrin elf, sitt mija u ħamsa u erbgħin euro (€227,645).
6. L-ispejjeż ġudizzjarji għandha tħallashom is-soċjetà konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------